# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025.**

**Numru 3**

**Rikors numru 66/21/3 AGV**

**Z1**

**v.**

**Z2**

**Il-Qorti:**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attriċi wara deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija nhar il-5 ta' Diċembru, 2024 fejn ordnat li l-kura tal-minuri tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi; li l-kustodja tal-minuri tkun waħda konġuntiva; li l-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €550 f'manteniment fix-xahar għaż-żewġ minuri *oltre* l-ħlas

tas-somma ta' €21,710.87 rappreżentanti sehem il-konvenut mill-ispejjeż li għamlet l-attriċi fl-interess tal-minuri.

**Preliminari**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fid-19 ta' Frar, 2021 quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (l-Ewwel Qorti), Z1(l-attriċi) fissret li hija kellha relazzjoni mal-konvenut li bdiet fis-sena 1999 u minn din ir-relazzjoni twieldu żewġt itfal. Ir-relazzjoni ġiet fi tmiemha fis-sena 2018. Fissret li matul iż-żmien ta' kważi għoxrin sena jgħixu flimkien, il-konvenut ftit li xejn ikkontribwixxa lejn il-bżonnijiet tal-tfal jew tal-ħajja tal-kontendenti. Tgħid li għad m'hemmx qbil fuq il-manteniment dovut għall-minuri u dan għaliex hija tal-fehma li s-somma ta' €400 fix-xahar li l-konvenut iħallasha huma insuffiċjenti sabiex ikopru l-ispejjeż tal-ħajja taż-żewġ minuri. Tgħid ukoll li l-konvenut jeżerċita l-aċċess b'mod erratiku minkejja li kienu qablu fuq l-aċċess u anke ngħata digriet mill-Qorti f'dak is-sens. L-attriċi tqis illi hemm lok għall-intervent tal-Qorti sabiex tiddeċiedi dak li huwa fl-aħjar interess tal-minuri, ukoll fl-isfond taċ-ċirkostanzi tal-partijiet, sew dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri u kif ukoll dwar il-manteniment tagħhom.

2. L-attriċi għalhekk ressqet dawn it-talbiet:

"i. Tordna illi fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri, M u R ahwa K , ulied il-kontendenti, il-kura u l-kustodja tal-istess minuri tiga fdata lill-attrici ommhom b' mod illi l-post ta' residenza tal-minuri tkun mal-attrici ommhom.

ii. Tillikwida l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghall-htigijiet tal-minuri M u R ahwa K , u dan wara li jitqiesu l-mezzi tal-partijiet, il-htigijiet tal-minuri u l-istil u l-livell ta' hajja tal-kontendenti.

iii. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta ta' manteniment ghall-htigijiet tal-imsemmija minuri, M u R ahwa K, illi tigi hekk likwidata.

iv. Tiddikjara illi kemm il-darba l-konvenut ma jezercitax l-access tieghu ghall-minuri hawn fuq imsemmi jew access iehor stabbilit skont il-ligi, l-attrici jkollha l-jedd illi ghal dak il-jum u l-hin illi l-minuri messhom kienu fil-kura tal-missier, il-konvenut, izda ma kienux, tqabbad lill-terzi izommu lill-minuri b'dritt ta' rifuzjoni minghand il-konvenut tal-ispejjes hekk inkorsi lit-terzi ghall-kura tal-minuri kif inghad, liema ammonti jigu mbaghad likwidati f'gudizzju separat fil mori ta' din is-sentenza.

v. Tiddikjara illi kemm il-darba l-konvenut ma ezercitax l-access tieghu ghall-minuri hawn fuq imsemmi jew access iehor stabbilit skont il-ligi, l-attrici kellha l-jedd illi ghal dawk il-jiem u l-hinijiet illi l-minuri messhom kienu fil-kura tal-missier, il-konvenut, izda ma kienux, qabdet lill-terzi izommu lill-minuri b'dritt ta' rifuzjoni minnghand il-konvenut l-ispejjes hekk inkorsi lit-terzi ghall-kura tal-minuri kif inghad, liema ammonti jigu mbaghat likwidati f'gudizzju separat fil mori ta' din is-sentenza.

vi. Tillikwida s-somma mhallsa mill-attrici lill-terzi sabiex jikkuraw lit-tfal tal-kontendenti jew min minnhom ghall-dawk il-granet u l-hinijiet skont id-digriet ossija ordnijiet – dak iz-zmien – fis-sehh il-konvenut kellu access ossija l-kura taghhom.

vii. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici b'zieda ma' kull somma pagabbli minnu skont l-eventwali sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti dik is-somma li tigi likwidata kif mitlub fit-talba precedenti.

viii. Tiddikjara illi l-hlas komplessivament maghmul mill-konvenut mill-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), ċjoè mid-data ta' meta l-konvenut telaq mid-dar fejn qabel kien jghix mal-attrici, akkont tal-manteniment tal-imsemmija minuri, sa dakinhar tal-eventwali sentenza jew jum iehor stabbilit appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti, kien, tenut kont tal-htigijiet tal-minuri u tal-mezzi tal-partijiet, inadegwat u messu kien aktar, u li hemm lok ghalhekk illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas, ossija jirrifondi, lill-attrici somma illi tkun ekwivalenti ghall-arretrati ta' manteniment illi huwa messu hallas izda ma hallasx, kif hawn spjegat.

ix. B' riferenza ghall-infieq tal-attrici ghall-htigijiet tal-imsemmija tfal minuri, il-mezzi tal-kontendenti matul iz-zminijiet rilevanti, u l-hlasijiet illi l-konvenut messu ghamel lill-attrici ghall-manteniment tal-imsemmija tfal minuri u dawk li effettivament ghamel, tillikwida l-arretrati ta' manteniment mill-wiehed u tletein (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), ċjoè mid-data ta' meta l-konvenut telaq mid-dar fejn qabel kien jghix mal-attrici sad-data illi fiha s-sentenza fuq it-talbiet precedenti ssir res judicata jew data ohra appozitament stabbilita mill-Qorti mahduma bir-rata illi tigi appozitament stabbilita u applikata minn dina l-Onorabbli Qorti, pagabbli mill-istess konvenut lill-attrici sabiex jirrimborza lill-istess attrici ghall-hlasijiet maghmula minnha illi messhom saru minnu in parte jew in toto.

x. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik issomma hekk stabbilita u likwidata minn din il-Qorti bhala arretrati ta' manteniment, taht dawk il-modalitajiet illi jigu stabbiliti f' dan irrigward mill-istess Qorti u b'zieda mal-manteniment li jigi ordnat skont kif mitlub fit-talba numru (iii).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-medjazzjoni, kontra l-istess konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

3. B'<u>risposta ġuramentata</u> tat-2 ta' Ġunju 2021, Z2 (il-konvenut) laqa' għall-azzjoni attriċi billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti:

"1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li assolutament mhuwiex minnu dak li tallega l-attrici fil-konfront tal-kontribuzzjonijiet li l-esponent ghamel matul is-snin ghall-bzonnijiet ta' ulied il-partijiet u li ghadu jaghmel sal-gurnata ta' llum, liema kontribuzzjonijiet lanqas ma huma limitati ghall-bzonnijiet taghhom ghall-manteniment xieraq u nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni imma jestendu wkoll ghal spejjez arbitrarji ohra li l-esponenti joghgobha titlob minghandu fi skeda li tigi mibghuta lilu mensilment u li tinkludi loghob tal-Playstation, zraben, hwejjeg, parties, gadjets u elettronici ohra li ftit li xejn jistghu jitqiesu bhala essenzjali, u li xorta wahda l-esponent ma jsib l-ebda diffikulta` li huwa jikkontribwixxi ghalihom, minbarra l-football ta' iben il-partijiet M li ghalih jaghmel tajjeb l-esponent wahdu, u li qatt u fl-ebda hin ma talab xi forma ta' kumpens ghalih. Illi tenut kont is-suespost, l-ewwel talba attrici ghall-kura u kustodja esklussiva tal-ulied, la ma hija gustifikata bil-premessi tal-attrici u manifestament ser jirrizulta li lanqas ma hija fl-interess taghhom.

2. Illi l-esponent ma jsib l-ebda oggezzjoni ghat-tieni u t-tielet talbiet purche` l-istess manteniment ikun wiehed gust fic-cirkostanzi, tenut kont tad-dhul tal-partijiet, ghad li matul is-snin li ghaddew kif inghad huwa mhux biss kien ihallas dak li huwa dovut minnu kwantu ghall-

manteniment taghhom imma wkoll forom diversi ta' spejjez ohrajn li joghgobha taghmel ghalihom l-attrici, *oltre* spejjez ohra li huwa minn jeddu jaghmel favur uliedu li wara kollox m'ghandu l-ebda diffikulta` li jkompli jaghmel, anzi li jaghmilhom minn qalbu. Illi jidher li l-attrici zviluppat fissazzjoni enormi f'dak li l-attrici tassumi fir-rigward tad-dhul, xejn fenomenali, tieghu kif ser jirrizulta, u hija biss din ir-raguni ghalfejn l-attrici ntavolat din il-kawza, mzewqa b'ghadd ta' gideb li mhux biss mhux ser jigi ppruvat li mhumiex veritieri imma per sfortuna wkoll jipperikola dak li l-partijiet ghal snin twal kienu lahqu akkord fuqu, b'rispett ta' uliedhom.

3. Illi r-raba, il-hames, is-sitt u s-seba` talbiet ghandhom jigu lkoll michuda bl-ispejjez stante li ghad li huwa minnu li l-partijiet ghazlu li ma jsegwux, bi qbil bejniethom, id-digriet vigenti stante li dan mhuwiex konsonanti mal-bzonn tieghu li jahdem fi tmiem il-gimgha, ghar-raguni li huwa ghal snin twal ilu jahdem fis-settur tal-events – liema xoghol min-natura tieghu jintensifika fi tmiem il-gimgha, il-partijiet ghal xhur shah sabu modus vivendi u dak li qieghed jigi allegat f'din l-istanza huwa mnebbah biss minn dak li l-attrici tassumi fir-rigward tad-dhul tieghu, u assolutament xejn aktar. Illi fil-fatt il-partijiet lahqu ftehim li gie operat bejniethom minn tal-anqas sa minn Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn huwa kien qieghed jaccedi ghal uliedu kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Hamis bejn l-erbgha u t-tmienja ta' filghaxija (4PM – 8PM) filwaqt illi jgawdi wkoll access nhar ta' Sibt bejn l-ghaxra ta' filghodu sal-hamsa ta' wara nofsinhar (10AM – 5PM), u weekend shih minn nhar ta' Gimgha sa nhar ta' Hadd filghaxija kull tliet (3) gimghat.

4. Illi fir-rigward tal-istess talbiet, ser jigi ppruvat, anke permezz ta' messaggi mibghuta mill-attrici stess lill-iben il-partijiet li hija fil-fatt tahdem minn dlam sa dlam u spiss tidhol id-dar fis-siegha ta' filghodu – assolutament mhuwiex minnu li b'xi mod naqset il-hinijiet tax-xoghol taghha sabiex taghmel tajjeb ghall-allegati nuqqasijiet tal-esponent u wisq anqas m'huwa minnu li nkarigat lil terzi sabiex jaghmlu tajjeb ghalihom peress illi l-full time nanny ilha mpjegata tal-familja tal-attrici sa minn tal-anqas it-twelid ta' binhom – stat ta' fatt li bl-ebda mod immaginabbli ma' wiehed jista` issa jghid li huwa attribwit lill-konvenut ghal xi allegat nuqqas ricenti!.

5. Illi t-tmien talba ghandha wkoll tigi michuda stante li mhux biss ser jirrizulta li b'zieda mal-manteniment l-esponent ihallas ghadd ta' spejjez ohra, flimkien mal-attrici, u anke wahdu, imma wkoll li l-mezzi tieghu huma tali li ma jippermettux aktar zieda fil-kontribuzzjonijiet tieghu u li in ogni caso dan l-istess ammont gie in *oltre* maqbul bejniethom. Illi huwa car li jekk il-kontribuzzjonijiet kollha li jaghmel l-esponent *oltre* l-manteniment xorta wahda mhumiex bizzejjed, allura dik li ghandha tigi ndirizzata hija problema ta' natura differenti.

6. Illi tenut kont tas-suespost id-disa` u l-ghaxar talbiet ghandhom ukoll jigu michuda stante li ma hemm l-ebda arretrati x'jithallsu u dana

peress illi minbarra l-manteniment miftiehem bejniethom, kull xorta ta' spiza ohra giet diviza ugwalment bejniethom, b'rizerva ghal spejjez ohra li l-esponenti minn jeddu jaghmel tajjeb ghalihom fis-shih.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

4. Il-konvenut ressaq ukoll talba rikonvenzjonali fejn huwa wkoll spjega li l-kontendenti għandhom żewġ ulied u li bi proċeduri ta' medjazzjoni ntavolati minnu, kien irrikorra għall-qrati sabiex jassikura aċċess denju għal uliedu u kien fil-fatt ġie regolat permezz ta' digriet. Jgħid li minkejja li l-aċċess huwa stabbilit permezz tad-digriet suindikat, il-bżonnijiet illi jaħdem matul tmiem il-ġimgħa ddettaw ċirkostanzi li fuq l-iskorta tagħhom, għal kontrarju ta' dak allegat fl-istess rikors ġuramentat, il-partijiet qablu fuq skeda t'aċċess differenti minn dik attwalment ordnata lill-partijiet. Jgħid li dawn il-fatti qegħdin jiġu manipulati mill-omm sabiex jiġi awmentat il-manteniment, minkejja li d-dħul tiegħu ma jippermettix ħlasijiet oltra minn dawk li ġia' qiegħed jikkontribwixxi għalihom l-esponent għat-trobbija ta' wliedu li bl-ebda mod mhuma limitati għal dak neċessarjament essenzjali.

5. Għalhekk il-konvenut rikonvenzjonant ressaq dawn it-talbiet:

"i. Takkorda access lill-esponent, konvenut rikonvenzjonant u missier l-ulied mertu tal-proceduri odjerni a favur l-istess minuri ulied il-partijiet M u R , ahwa K, u dana billi jigbor lill-istess minuri skond il-modalita` u fil-hinijiet hawn indikati, u fin-nuqqas tipprovdi ghal access iehor adegwat favur l-istess ulied.

Salv kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun."

6. <u>B'risposta ġuramentata tal-15 ta' Ġunju, 2021</u> l-attriċi rikonvenzjonata laqgħet għal kontrotalba billi ressqet l-eċċezzjonijiet segwenti:

> "1) Illi primarjament l-azzjoni ossija kontrotalba mressqa mill-konvenut rikonvenzjonant hija nulla u nanmissibli billi qieghda ssir minghajr l-awtorizazzjoni methiega skont il-ligi billi z-zmien ta' xahrejn imholli skont il-Ligi sabiex din il-kawza titressaq ghadda u ghalaq.
>
> 2) Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-attrici rikonvenzjonata tirrileva is-segwenti:
>
> i) Illi t-talba attrici ghandha titqies bhala wahda straordinarja u cioe bhala wahda ghat-tnaqqis ta' access illi gie moghti fuq talba tal-konvenut rikonvenzjonant stess, izda li qatt ma effetivament ezercita, minhabba disinteress fit-tfal. Din it-talba ghandha titqies bhala derilizzjoni minn naha tal-konvenut rikonvenzjonant tal-obbligi tieghu illi jghin lill-attrici rikonvenzjonata fit-trobbija tal-ulied.
>
> ii) Illi t-talba dwar il-kap tal-ispejjez ghandha tigi michuda peress illli hija l-intransigenza u l-pika tar-rikonvenzjonant illi wasslet ghal dawn il-proceduri u l-ispejjes gudizzjarji ghandhom jithallsu minnu.
>
> ii) Salv ecezzjonijiet ulterjuri."

7. <u>B'sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru, 2024</u> l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> "i) Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte billi l-attrici tigi fdata esklussivament bil-kura tal-minuri M u R , filwaqt li l-kustodja tkun wahda konguntiva, b'dana pero' li l-post tar-residenza tal-minuri jkun mal-attrici ommhom.
>
> ii) Tilqa' t-tieni u t-tielet talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri M u R , skond kif illikwidat u deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Manteniment", u ċjoè €550 fix-xahar ghaz-zewg minuri.
>
> iii) Tilqa' r-raba', hames, sitt u seba' talba, biss li qabel l-istess minuri jithallew ma' terzi, l-attrici ghandha l-ewwel tikkomunika mal-genituri taghha sabiex ighinuha bit-tfal, fejn il-minuri kien imisshom access mal-konvenut u l-istess access ma setax jigi ezercitat.

iv) Tichad it-tmien talba kif spjegat u gie deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Arretrati ta' Manteniment."

v) Tilqa' d-disa' u l-ghaxar talba u tordna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata u deciza iktar 'l fuq fl-intestatura "Arretrati ta' Manteniment" fl-ammont ta' €21,710.87.

**Kwantu ghall-kontro talba tal-konvenut:**

Tilqa' t-talba u takkorda access versu l-minuri hekk kif miftiehem bejn il-partijiet, u ċjoè kull nhar ta' Tlieta w Hamis, bejn il-5pm u d-9pm, u b'mod alternat fi tmiem il-gimgha mill-Gimgha fis-6pm ghall-Hadd fis-6pm.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu terz ghall-attrici u zewg terzi ghall-konvenut."

8. Ir-raġunijiet relevanti għal dan l-appell li wasslu lill-Ewwel Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha huma kif ġej:

"Illi l-attrici qed titlob li tinghata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, filwaqt li l-konvenut fil-premessi tal-kontrotalba tieghu jitlob biss li jigu ffissati l-modalitajiet tal-access.

Minn mindu l-partijiet temmew ir-relazzjoni taghhom fl-2018, it-tfal dejjem baqghu fil-kura u kustodja tal-attrici u donnu dejjem kien hemm dan l-intendiment. Minkejja ammont zghir ta' dizgwid il-partijiet dejjem irnexxielhom b'xi mod jaslu ghall-ftehim u huwa hasra li spiccaw il-Qorti peress li jidher hafna drabi l-partijiet juru maturita' fid-decizjonijiet li jittiehdu fil-konfront ta' uliedhom.

Mill-provi ukoll jirrizulta li l-kontendenti huma kapaci li jiehdu decizjonijiet flimkien minghajr intoppi in kwantu jirrigwarda l-attivitajiet extra-kurrikulari. Di fatti, il-konvenut huwa dak li jiehu lill-minuri Max ghall-futbol u jiehu hsieb li jhallas il-mizati tal-istess klabb u anke kwalsiasi spejjes relatati mal-istess attivita'.

Hemm sens ta' kooperazzjoni anki in kwantu jirrigwarda attivitajiet ohra li jikkoncernaw lill-minuri R, bhall-arti u anke l-privatijiet li uliedhom jattendu. Mhux ikkontestat li l-konvenut ukoll jaghti l-kontribut lejn uliedu ghal dak li jirrigwarda l-homeworks taghhom u dina l-Qorti tinkoraggix dan l-atteggjament u kellu bzonn kwalsiasi genituri li m'ghadhomx flimkien ipoggu l-interessi ta' uliedhom l-ewwel u qabel kollox.

In vizta ta' dawn il-fatturi, dina l-Qorti thoss li l-kura tal-minuri M u R tkun esklussiva ghall-attrici, filwaqt li l-kustodja tkun wahda konguntivament, in kwantu kwalsiasi decizjonijiet li jirrigwardaw l-edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari jittiehdu flimkien.

**Access**

Kien inhareg digriet minn dina l-Qorti fit-22 ta' Mejju, 2020, fil-medjazzjoni 336/20 fl-ismijiet inversi, bil-granet u hinijiet fissi u ċjoè kull nhar ta' Tlieta u l-Hamis bejn l-4 pm sat-8 pm, kif ukoll kull weekend b'mod alternat darba bejn il-Gimgha sal-Hadd bejn is-6 pm sas-6 pm u darb'ohra s-Sibt bejn is-2 pm sas-6 pm.

Kien hemm zmien fejn il-kontendenti kienu qed isibu problemi biex il-konvenut jottempera ruhu mad-digriet fuq imsemmi. Il-konvenut jammetti li peress li xoghol fil-maggorparti kien ta' *events organiser* u hafna mill-attivitajiet kienu jinzammu fil-weekend, kien qed isib problemi biex isegwi l-access u jqatta' l-weekend mat-tfal.

L-attrici da parti taghha ilmentat li kien impossibbli ghaliha li thejji pjan u jkollha struttura ma' uliedha minhabba dawn l-intoppi li kien qed ikollha tiffaccja minhabba n-natura tax-xoghol tal-konvenut. Il-konvenut ma jinnegax dan, anzi fil-mori tal-proceduri jammetti li kien irnexxielu jbiddel xoghol billi sar trasferiment mill-Festivals Malta ghall-Yachting Malta, fejn inqas jahdem fil-weekends, izda bil-problema li ghandu paga anqas milli kellu.

Kien hemm zmien fejn il-konvenut iddecieda li jezercita l-access it-Tnejn u l-Erbgha minflok it-Tlieta u l-Hamis kif iddekretat. L-attrici ma kinitx kuntenta b'dina s-sitwazzjoni u bdiet topponi. Il-konvenut spjega x'kienet ir-raguni ghalfejn kien ghamel tibdil fl-access u dan minhabba li kull nhar ta' Tlieta u l-Hamis, it-tifel minuri M ikollu l-futbol u kien ikollu jiehu lil R mieghu, li kienet tispicca tiddejjaq u ma tantx kien qed ikollu quality time maghha.

Il-kontendenti jikkonfermaw izda, li minn Ottubru, 2023 irnexxielhom isibu bilanc fl-applikazzjoni tal-access b'dana li qed jinzammu l-granet skond id-digriet, hlief li l-konvenut ma jistax jigbor it-tfal fl-4 pm izda immur ghalihom fil-5.30 pm u ghalhekk biddlu l-hin minflok bejn l-4 pm u 8 pm, issa bejn il-5 pm sad-9pm. Tikkonferma ukoll li jigu lura d-dar lesti mitmughin u lesti biex imorru jorqdu.

Il-weekend imbaghad ikun hemm access b'mod alternat mill-Gimgha mis-6 pm sal-Hadd fis-6 pm.

L-attrici stess tammetti li issa s-sitwazzjoni hija ferm ahjar ghaliex hemm stabbilita' f'hajjithom u jirnexxielhom jaghmlu l-pjanijiet taghhom.

**Arretrati ta' Manteniment**

L-ahhar talba li qed taghmel l-attrici huwa sabiex il-konvenut ihallas diversi arretrati ta' manteniment li kkalkolat li ghandu jghaddilha. Dawn huma s-segwenti ghall-perjodu bejn 2018 sa 2021:-

i) Manteniment **€46,680** ikkalkulat fuq €900 li qed tippretendi u wara li naqset l-€400 manteniment fix-xahar li hallas il-konvenut.

ii) €2,062 bhala spejjez tal-privat ma' N S ghall-perjodu bejn is-6 ta' Novembru, 2020 sa Settembru, 2021, Il-kontribut tal-konvenut huwa ta' **€1,031**.

iii) L-ispejjez tal-full time nanny tul dawn l-ahhar erba' snin jammontaw ghall**-€36,400** minn meta telaq il-konvenut. Ghalhekk, l-attrici qed tippretendi li l-konvenut jikkontribwixxi ghal nofs dawn l-ispejjes li jammontaw ghal **€18,200**. B'hekk it-total ta' dawn l-arretrati jammontaw ghal €65,911.

B'referenza ghad-dokument SK7 esebit mill-konvenut fl-24 ta' Mejju, 2022, fejn hemm indikat "9th April sal-19 ta' Mejju, 2022" tghid li ma thallsux kollha mill-konvenut u ghad hemm hlasijiet li ghadhom pendenti. Kien ghad hemm ukoll bilanc ta' €224 mil-lista ta' qabel.

Ipprezentat ukoll prospett fejn indikat iktar spejjez li ghamlet fir-rigward tat-tfal u li ghadhom ma hallasx il-konvenut u dan ghall-perjodu bejn l-14 ta' Settembru, 2021 u t-12 ta' Frar, 2023 fejn hemm bilanc ta' €3,259.36, liema somma tirrapprezenta sehem il-konvenut.

Esebiet ukoll lista tal-ispejjez relatati mal-privat tat-tfal li jammontaw ghal €3,690 minn Novembru, 2020 u qed tippretendi li l-konvenut ihallas nofshom, kif hu qed jippretendi li thallas ghan-nofs l-ispejjes relatati mal-football.

Fix-xhieda ulterjuri taghha, l-attrici pprezentat prospett b'dawk l-ispejjez li qed tippretendi minghand il-konvenut ghall-perjodu bejn l-14 ta' Settembru, 2021 u l-31 ta' Marzu, 2024. L-attrici qed tippretendi li hemm kreditu favuriha fl-ammont ta' **€5,799.46**. In kwantu jirrigwarda l-istess dokumenti, il-konvenut jopponi ghall-istess kreditu peress li jinsisti li kien hemm diversi pagamenti li ghamel kif rikjest, kien hemm spejjes ohra li ser jindika li qatt ma gie mitlub ihallashom u apparti minn hekk hemm diversi spejjes li jaghmel hu stess li ma jitlobx flus taghhom, inkluz meta jkunu ghandu ghall-weekend.

Il-konvenut indika liema huma l-pagamenti li jammetti li naqas li jaghmel, kif hemm indikat fid-Dokumenti SK 2024 1 u SK 2024 2 li huma s-segwenti:-

a) Bejn l-20 ta' Mejju, 2022 sal-31 ta' Ottubru, 2023 - **€520**
b) Bejn 9 ta' April, 2022 sad-19 ta' Mejju, 2022 - **€631.75**

c) Diversi lezzjonijiet tal-privat ta' Ms.C bejn Frar u Marzu, 2002, kif ukoll MAC payments - **€718**
d) Bejn 20 ta' Mejju, 2022 sal-31 ta' Ottubru, 2023 - **€3,490**
It-total ta' dawn l-ispejjez jammontaw ghall-**€5,359.75** li nofshom irid ihallas il-konvenut li jammontaw ghal **€2,679.87**.

Ghalhekk, in konkluzzjoni, tenut kont ta' dawn il-kalkolazzjonijiet, il-Qorti tirrileva illi;

a) Dwar il-pretensjoni attrici tal-manteniment, dina mhix ser tigi akkolta in kwantu l-konvenut kien ippropona awment u dejjem irrifjutat; b) il-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici s-somma ta' **€1,031** bhala spejjez ta' privat ghand N S, diment li fil-mori tal-proceduri dawn ma thallsux; c) l-ispejjez ta' full-time nanny peress li t-tnejn li huma kienu jahdmu dak iz-zmien u ghalhekk xi hadd kellu bzonn jiehu hsieb lit-tfal u dan fuq ammissjoni tal-konvenut stess li kien isib problemi biex isegwi l-access kif ordnat mill-Qorti- **€18,000**. d) Kreditu ta' **€2,679.87** dovuti fuq spejjez kif ammessi mill-konvenut stess.

B'hekk l-arretrati dovuti fil-konfront tal-attrici jammontaw ghall-**€21,710.87**."

9. L-attriċi (minn issa wkoll l-appellanti) ħassitha aggravata bis-sentenza tal-Ewwel Qorti u għalhekk appellat b'rikors intavolat fis-6 ta' Jannar, 2025 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnha miġjuba, talbet lil din il-Qorti:

"i. Tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu laqghet l-ewwel talbat attriċi in parte u in kwantu laqghet it-tieni, t-tielet u r-raba', hames sitt u seba' d-disa' u l-ghaxar talbiet, mhux bil-mod illi l-Ewwel Onorabbli Qorti laqghet l-imsemmija talbiet, u illi fir-rigward taghhom sejra tintalab ir-riforma separatament;

ii. Tirrevoka l-parti tas-sentenza illi cahdet it-tmien talba, u minflok – tilqa l-imsemmija talba u tordna illi l-konvenut appellat ihallas l-arretrati tal-manteniment ghall-htigijiet ta' uliedu R u M minn 31 ta' Marzu 2018 sa dakinhar illi s-sentenza tkun *res judicata,* u dan billi jiġi ordnat ihallas id-differenza bejn l-€400 fix-xahar illi kien qieghed ihallas, u is-somma illi tiġi ordnata minn dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell;

iii. Illi fir-rigward tal-mod illi l-Ewwel Onorabbli Qorti iddisponiet mill-imsemmija tieni, tielet, raba', disa' u ghaxar talbiet tal-attrici, l-appellanta qieghda titlob illi s-sentenza appellata tiġi riformata kif gej:

a. Fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet attriċi, ghandha tiġi revokata l-likwidazzjoni tal-Manteniment mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-somma ta' €550 fix-xahar ghaz-zewg ulied, u minflok dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell tillikwida l-manteniment fis-somma ta' €1,200 fix-xahar ghaz-zewg ulied jew somma verjuri stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell fuq il-provi mressqa u fuq dak li nghid f'dan l-appell, u tordna illi dan l-ammont ghandi jizdid fis-sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja, filwaqt illi ghal kull buon fini tikkonferma l-parti tas-sentenza illi l-partijiet ghandhom ihallsu nofs l-ispejjez edukattivi, tas-sahha, tal-provat kif ukoll dawk extra-kurrikulari, u illi l-istess konvenut ghandu jhallas nofs l-istess polza, gialadarba l-ispejjez mediċi hafna drabi qed jiġu koperti minn dina l-polza;

b. Fir-rigward tar-raba talba attriċi, tordna wkoll illi kemm il-darba l-konvenut jikkanċella l-access fl-ahhar hin u ma jhallix żmien materjali sabiex l-appellata taghmel arranġamenti sabiex tqabbad nanny/babysitter ghal hin tal-access illi kellu jeżerċita l-konvenut appellat iżda ma ezercitax il-konvenut jkun ordnat ihallas somma addizzjonali lill-appellanta illi jirraprezanta l-valur tal-kura tal-minuri, illi kieku kellha tqabbad lil terzi sabiex jikkuraw lill-minuri, kien ikollha thallas lilhom;

c. Fir-rigward tad-disa' u l-ghaxar talbiet attriċi tordna – b'zieda ma dak gja ordnat mill-Ewwel Onorabbli Qorti – illi l-konvenut appellat ihallas lill-attrici appellanta l-ammont hekk likwidat skont kif mitlub b'sehh tat-tmien talba attriċi, u billi in *oltre* tordna wkoll illi l-konvenut appellat ihallas lill-attrici appellanta s-somma dovuta lilha fl-ammont ta' €5,799.64 rapprezentanti nofs l-ispejjez inkorsi minnha ghall-htigijiet tat-tfal minuri minn Settembru 2021 sa Marzu 2024 u dan minflok nofs tan-nofs ta' din is-somma, kif spjegat.

iv. Fir-rigward tal-ewwel talba tal-konvenut tirriforma din il-parti tas-sentenza appellata billi waqt li tikkonferma l-access ordnat minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, tordna wkoll illi fil-vaganzi skolastiċi tat-tfal minuri (inkluż allura dawk tal-Milied, Mid-term, Ghid u Sajf), l-access tal-missier konvenut jiġi estiż, billi fil-granet tal-acces tieghu fost il-gimgha ossija nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis, flok jirritorna lill-minuri fid-9:00pm huwa jżommhom *sleepover* sal-ghada, ghal perjodu ta' 24 siegha;

Bl-ispejjez kollha tal-ewwel istanza u ta' dan l-appell kontra l-konvenut appellat."

10. Il-konvenut (minn issa 'l quddiem ukoll l-appellat) minkejja li ġie notifikat bir-rikors tal-appell fis-26 ta' Marzu, 2025 naqas milli jressaq r-risposta tiegħu.

11. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12**.

**L-Appell**

**<u>L-ewwel aggravju – rata tal-manteniment</u>**

12. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> tagħha l-appellanti tirreferi għax-xhieda tagħha quddiem l-Ewwel Qorti mogħtija permezz ta' affidavit fejn spjegat li l-ispejjeż fix-xahar għat-trobbija taż-żewġ ulied minuri jammontaw għal *circa* €1,847 li tinkludi spejjeż marbuta ma' abitazzjoni, utilitajiet, ikel, xorb u ħwejjeġ. Tfisser li għalhekk sehem l-appellat huwa ta' €900 fix-xahar ie. €450 għal kull wild. Tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li l-konvenut kien qed iħallas manteniment ta' €400 fix-xahar bis-saħħa ta' digriet *pendente lite*, għaliex l-ebda digriet dwar manteniment qatt ma ngħata matul il-proċeduri. Tgħid illi din is-somma wasal għaliha l-konvenut b'mod arbitrarju. Tilmenta illi meta fis-sentenza appellata ġie stabbilit manteniment ta' €550 fix-xahar għaż-żewġ ulied, l-Ewwel Qorti ma tatx wisq qies għall-ispejjeż li l-appellanti elenkat fl-affidavit tagħha; filwaqt li tat ħafna qies għall-proposta li għamel l-istess konvenut li jħallas l-imsemmija somma ta' €550 fix-xahar. Tilmenta wkoll

li l-Ewwel Qorti ħadet qies tal-ispejjeż li l-konvenut xehed li għamel fl-interess tal-minuri, meta fl-istess ħin l-Ewwel Qorti għarfet li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova dwarhom.

13. Tissottometti illi l-Ewwel Qorti injorat ir-rendikont li hija ppreżentat dwar id-dħul fil-kont bankarju tal-konvenut rappreżentanti d-dħul tal-konvenut mill-kumpanija -omissis-. Skont l-appellanti l-allegazzjoni tal-konvenut li minn dak in-negozju jaqla' biss €400 fix-xahar hija mxejna mill-kont bankarju tal-konvenut li skontha juri stampa ferm differenti minn dak li jallega l-konvenut. Tilmenta li l-Ewwel Qorti aċċettat bħala fatt id-dikjarazzjonijiet li l-konvenut għamel dwar id-dħul tiegħu meta fl-atti hemm provi dokumentarji li juru mod ieħor fosthom li d-depożiti bankarji li saru mill-konvenut fil-kontijiet bankarji tiegħu jeċċedu bil-bosta d-dħul gross ddikjarat minnu. Dħul li skont l-appellanti, l-appellat qatt ma ta spjegazzjoni tiegħu.

14. Titlob għalhekk illi l-manteniment likwidat mill-Ewwel Qorti għandu jiġi rivedut minn din il-Qorti fis-somma ta' €1,200 fix-xahar, ie. €600 għal kull wild li jiżdied annwalment skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja filwaqt li tiġi kkonfermata l-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat lill-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż edukattivi, tas-saħħa, tal-privat u attivitajiet extra-kurrikulari, kif ukoll li jħallas nofs il-premia tal-polza ta' assikurazzjoni

medika ġaladarba l-ispejjeż mediċi ħafna drabi qed jiġu koperti minn dina l-polza.

15. Sabiex waslet għal-likwidazzjoni ta' manteniment mensili ta' €550 fl-interess taż-żewġ minuri, l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "**<u>Manteniment</u>**
>
> L-artikolu 20 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla x'ghandha tiehu in konsiderazzjoni dina l-Qorti meta ser tkun ser taghmel il-kalkolazzjonijiet taghha ai finijiet ta' manteniment.
>
> Il-Qorti dejjem ghandha tikkunsidra l-bzonnijiet u l-mezzi ta' min qed jitlob manteniment u l-mezzi tal-persuna li minghandha qed jintalab il-manteniment.
>
> Skond digriet moghti precedentement, il-konvenut kien gie ordnat ihallas €400 fix-xahar ghaz-zewgt itfal, kif ukoll li jhallas ghan-nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.
>
> L-attrici ipprezentat elenku tad-diversi spejjez li ghandha fix-xahar li tibghat lill-konvenut sabiex jaghti l-kontribut tieghu. Fuq il-kalkolazzjonijiet li ghamlet tikkontendi l-ammont li jhallas il-konvenut bhala alimenti mhuwiex sufficjenti u ghandhu jhallas is-somma ta' €900 fix-xahar ghaz-zewgt ulied, flimkien man-nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.
>
> Il-partijiet it-tnejn jahdmu u ghandhom introjtu. L-attrici tahdem ma' -omissis- fejn minn meta twaqqfet mill-familja taghha dejjem hadmet hemm, izda l-ahhar li xehdet tenniet li qed tfittex impjieg full-time peress li dina l-kumpanija ser tigi llikwidata peress li mhix sejra tajjeb. Madanakollu, dina l-Qorti ghandha quddiem biss l-introjtu li l-istess attrici tircievi mill-impjieg taghha ma' -omissis- li skond IFS3's taghha ghandha paga ta' €32,555 gross f'sena u bit-tnaqqis tat-taxxa ghandha ntrojtu ta' cirka €2,200 fix-xahar. In*oltre*, mill-Annual Report u Financial Statements tas-socjeta' -omissis- jirrizulta li sal-2021 kienet ghamlet profitt ta' €30,192, prattikament izjed mid-doppju li ghamlet fl-2020 fejn ghamlet €13, 747, izda dan kien ukoll il-perjodu tal-Covid 19 fejn kwalsiasi settur kien effettwat minn dina l-pandemija.
>
> Il-konvenut illum ikkonferma li jahdem mat-omissis- fejn ghandu paga ta' cirka €2,288 fix-xahar, kif ukoll jahdem self-employed minn fejn jiddikjara li jaqla' cirka €400 fix-xahar.

Il-partijiet jikkonfermaw li jaqsmu l-ispejjez edukattivi, fejn il-mizati tal-iskola ta' -omissis, li hija skola indipendenti, diga' huma sostanzjali. In*oltre*, jirrizulta li t-tfal ghandhom diversi lezzjonijiet privati li jattendu fejn l-ammonti mhumiex zghar anqas, apparti l-attivitajiet extra-kurrikulari, fejn il-lezzjonijiet tal-futbol u kwalsiasi spejjes relatati mal-istess, bhall-kits, camps u anke vvjaggar jithallsu mill-konvenut.

Mill-provi jirrizulta ukoll li l-konvenut kien ipprova jittransigi mal-attrici u kien offra li l-manteniment izidu ghall-€550 u jibqa' jhallas nofs l-ispejjez edukattivi, tas-sahha, privatijiet u lezzjonijiet extra-kurrikulari.

Il-konvenut ipprezenta rendikont tal-ispejjez li ghandu fix-xahar li jikkonsistu fis-segwenti:-
• Kiri tal-appartament - €450
• Dawl u ilma - €65
• Mizati tal-iskola - €500
• Diesel - €125
• Ikel - €200
• Manteniment - €400
**Total = €1,740**

Ma' dan jirrizulta li l-konvenut xtara karozza u mizjud ma' dan it-total ghandu pagamenti ta' €342 fix-xahar fuq il-vettura li partat ma' Peugeot. Ghalhekk bhala spejjez ghandu cirka **€1,740 + €342 = €2,082**.

Madanakollu, il-konvenut ma ressaqx ircevuti sabiex jikkonferma li qed ihallas il-kera fuq imsemmija.

Dwar is-socjeta' li jiggestixxi l-konvenut u ċjoè -omissis- jirrizulta mill-financial accounts ghas-sena bazi 2021 jirrizulta li kien qed imexxi b'telf. Il-konvenut jattribwixxi dawn il-problemi minhabba l-pandemija tal-Covid 19, fejn ix-xoghol tieghu ta' events organiser kien mar lura hafna minhabba l-mizuri mehuda minhabba l-pandemija u hawnhekk dina l-Qorti temmen il-verzjoni tal-konvenuta, stante li avvennimenti tat-tip li jorganizza l-konvenut ma setghux jinzammu.

Tenut kont tal-fatt li l-attrici tahdem mas-socjeta' tal-familja u ghandha paga pjuttost tajba, tenut kont tal-fatt li l-konvenut tah stampa cara tal-mezzi tieghu u l-pizijiet li ghandu, l-ammont ta' €900 fix-xahar ghaz-zewg minuri huwa wisq sabiex ihallas il-konvenut. Ciononostante, il-konvenut huwa dispost li jhallas €550 fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewgt ulied, izda kienet l-attrici li opponiet ghax qed tippretendi iktar u dina l-Qorti thoss li l-proposta tal-konvenut ghandha tigi akkolta u dan ghaliex minkejja li x-xoghol tieghu ta' self-employed illum irpilja u hemm lok li jmur tajjeb u jekk il-konvenut ippropona zieda fil-manteniment dan huwa ghaliex certament ghamel il-kalkoli tieghu u qieghed f'qaghda finanzjarja li jhallashom.

> Ghaldaqstant, dina l-Qorti tvarja l-hlas ta' manteniment u tawmentah ghall-ammont ta' €550 fix-xahar, filwaqt li l-partijiet ghandhom ihallsu nofs l-ispejjez edukattivi, tas-sahha, tal-privat kif ukoll dawk extra-kurrikulari, anke jekk fil-kaz tal-ahhar jidher li l-attrici qed thallas l-ispejjez tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri R, filwaqt li l-konvenut jiehu hsieb dawk tal-futbol u kwalsiasi spejjez relatati mal-istess. Il-partijiet ghandhom kemm jista' jkun izommu l-ispejjez indaqs, u jekk kemm-il darba l-hlasijiet in partikolari tal-extra-kurrikulari jwasslu ghad-dizgwid, ghandhom ihallsu n-nofs kull wiehed.
>
> Dwar spejjez medici, peress li jirrizulta li l-attrici ghandha polza ta' assikurazzjoni medika ghat-tfal mal-omissis, l-istess konvenut ghandu jhallas nofs l-istess polza, gialadarba l-ispejjez medici hafna drabi qed jigu koperti minn dina l-polza."

Ikkunsidrat illi:

16. Il-punt tat-tluq f'kull kunsiderazzjoni dwar manteniment dovut fl-interess tal-minuri huwa **Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi illi: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi.*" Il-Kodiċi Ċivili jipprovdi wkoll f'**Artikolu 19** illi fil-manteniment għall-ulied jidħlu l-ispejjeż marbuta mal-ikel, l-ilbies, is-saħħa, l-abitazzjoni u l-edukazzjoni. Il-manteniment għandu jiġi ffissat skont il-bżonn ta' min jitolbu tenut kont il-mezzi ta' min għandu jagħtih (**Artikolu 20**). Fejn jidħlu spejjeż ta' edukazzjoni u saħħa l-liġi ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn spejjeż ordinarji u dawk straordinarji. Kull ġenitur huwa fid-dmir illi jassigura li wliedu jirċievu l-edukazzjoni u l-kura medika li jeħtieġu, u f'dan ir-rigward l-interessi tal-minuri huma supremi u jiġu dejjem qabel dawk tal-ġenituri. (ara **A B pro et noe v. S F** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 2022).

17. Il-manteniment dovut minn ġenitur versu wliedu minuri huwa bħala regola meqjus bħala dover assolut li ma jsib l-ebda eċċezzjoni.

18. Il-Qorti tqis ukoll li m'hemmx formola stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti għandha tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat ta' kemm għandu jkun il-manteniment. Madankollu, l-**Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili** iservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lill-Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha f'dan ir-rigward.

19. Fl-eżerċizzju ta' likwidazzjoni ta' manteniment għall-ulied, il-Qorti trid tqis mhux biss id-dħul attwali tal-partijiet imma wkoll (i) il-ħila tal-ġenituri li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom; (ii) iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-ġenituri u tal-ulied; (iii) il-bżonnijiet tal-ulied, (iv) kondizzjonijiet ta' diżabilità fiżika jew mentali; (v) ċirkostanzi ta' mard serju u gravi li jikkomprometti l-kapaċità li l-ġenituri jmantnu lilhom infushom u lill-ulied; (vi) kull qligħ jew benefiċċju li jirċievu skont il-liġi; u (vii) ħtiġijiet għall-akkomodazzjoni tal-ġenituri u l-ulied (**Artikolu 54(2) tal-Kodiċi Ċivili**).

20. Huwa prinċipju ġenerali tad-dritt li l-obbligu ta' manteniment tal-minuri jaqa' ugwalment fuq iż-żewġ ġenituri. (**Artikolu 7 (1), Kodiċi Ċivili**) (ara **S A v. J A** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-22 ta' Frar, 2024).

21. Il-fatt li ġenitur ikollu dħul konsiderevolment għoli ma jneħħiex il-ħtieġa li l-Qorti tikkunsidra wkoll x'inhuma l-ħtiġijiet tal-minuri u l-ispejjeż marbuta ma' dawk il-ħtiġijiet. Wara kollox skont l-Artikolu 20 (1) tal-Kodiċi Ċivili l-manteniment għandu jingħata mhux biss skont il-mezzi ta' min għandu jagħtih, imma wkoll skont il-bżonn ta' min jitolbu. Mod ieħor, irrispettivament kemm jista' jkun għani min huwa obbligat iħallas il-manteniment, il-persuna li jkollha jedd li tirċievi l-manteniment ma tistax tippretendi li tieħu manteniment aktar milli jkollha bżonn (ara **J M v. D M** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar, 2024 kif ukoll **Dr C W v. Dr M S** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju, 2024).

22. Sabiex manteniment likwidat illum jibqa' jikkorrispondi għall-ħtiġijiet futuri tal-minuri, huwa indikat li r-rata ta' manteniment tiżdied perjodikament sabiex tirrifletti l-għoli tal-ħajja (ara **A C B v. E C** u **R G v. E G**, it-tnejn deċiżi mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Frar, 2016**;** u **J M v. D M** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar, 2024).

23. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza rilevanti għall-mertu ta' dan l-ewwel aggravju, din il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra jekk għandux mis-sewwa l-ilment tal-appellanti illi l-Ewwel Qorti ma qisietx sewwa d-dħul tal-konvenut. Mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li apparti dħul mill-impjieg tiegħu ma' -omissis- ta' ċirka €2,288 fix-xahar, il-konvenut huwa self employed u li minn dan ix-xogħol huwa jdaħħal

ċirka €400 fix-xahar. L-Ewwel Qorti aċċettat li minn dan it-tieni xogħol il-konvenut kien qed idaħħal biss €400 fix-xahar wara li kkunsidrat li mill-*accounts* tal-kumpanija -omissis- irriżulta li fis-sena 2021 il-kumpanija kellha telf.

24. Il-konvenut xehed li apparti li għandu impjieg *full-time* ma' aġenzija pubblika, għandu sehem fil-kumpanija -omissis-, kumpanija li tispeċjalizza fl-*ispecial effects*. Xehed li fix-xhur ta' qabel il-jum li fih kien qed jixhed il-kumpanija kienet għamlet telf ta' ċirka ħamsin elf ewro (€50,000). Semma wkoll li apparti l-imsemmija kumpanija li fiha hemm erba' azzjonisti b'kollox, inkluż hu, huwa jagħmel xogħol ieħor ta' *events coordinator*.

25. Matul il-kontroeżami tal-konvenut li nżamm quddiem l-Ewwel Qorti fit-23 ta' Mejju, 2024[1] il-konvenut xehed li kien sab impjieg ġdid ma' -omissis- wara li waqaf jaħdem mal-aġenzija Festivals Malta bil-għan li jkollu aktar ħin disponibbli għall-aċċess mat-tfal matul tmiem il-ġimgħa. Matul dak l-istess kontroeżami saret domanda waħda biss lill-konvenut dwar id-dħul tiegħu referibbli għall-impjieg ġdid ma' -omissis-fejn xehed illi l-paga netta fix-xahar kienet ta' ċirka €1,600.00. Xejn ma ġie mistoqsi dwar id-dħul tiegħu la mill-kumpanija fuq imsemmija u lanqas minn xogħol ieħor li seta' kien qed jagħmel.

[1] Fol. 426A et. seq.

26. L-appellanti tinsisti li dan id-dħul moħbi tal-appellat jirriżulta mill-i*statements* tal-kontijiet bankarji tal-konvenut. Quddiem l-Ewwel Qorti ma sarx skambju ta' noti ta' osservazzjonijiet u għalhekk din il-Qorti ma hiex f'pożizzjoni tevalwa x'kienu s-sottomissjonijiet finali tal-attriċi dwar dan l-aspett tal-vertenza peress li t-trattazzjoni orali finali tal-avukati tal-partijiet li seħħet fis-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2024 ma jidhirx li ġiet rekordjata. Lura għall-atti tal-appell, fir-rikors tal-appell tagħha l-appellanti ma ssemmiex imqar ammont wieħed fl-i*statements* bankarji tal-konvenut li skont l-appellanti l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra bħala prova ta' dħul mhux dikjarat tal-konvenut. Daqs li kieku dan ma kienx biżżejjed sabiex idgħajjef dan l-aggravju tal-appellanti, waqt il-kontroeżami tal-konvenut kien hemm kull opportunità sabiex jiġi mistoqsi dwar kull ammont li hemm fl-i*statements* tal-kontijiet bankarji tiegħu. Għal darb' oħra, l-ebda domanda dwar l-ammonti f'dawk l-i*statements* li skont l-appellanti jirrappreżentaw dħul mhux dikjarat.

27. Bħala prinċipju ġenerali n-norma stabbilita tad-dritt probatorju bl-**Artikolu 562 tal-Kapitolu 12** hi li "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*." Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **J Z v. J H,** mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1953 "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"*.

Kien għalhekk id-dmir fuq spallejn l-attriċi li tipprova dak minnha allegat li l-konvenut għandu dħul moħbi. Din il-Qorti tqis li l-allegazzjoni tagħha dwar dħul moħbi tal-appellat ma ġietx ippruvata sodisfaċentement.

28. Dwar l-ispejjeż tal-minuri li l-appellanti tgħid li ma tistax tlaħħaq magħhom u li għalhekk tinsisti li l-ammont ta' manteniment ordnat mill-Ewwel Qorti għandu jiżdied, minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-provi tal-appellanti dwar tali spejjeż tant li mal-manteniment ta' €550.00 fix-xahar il-konvenut ġie kkundanant iħallas ukoll nofs l-ispejjeż marbuta mal-edukazzjoni, saħħa, privat; u attivitajiet extra-kurrikulari.

29. **L-ilment tal-appellanti dwar żieda perjodika fil-*quantum* tal-manteniment hija ġustifikata sabiex tirrifletti l-għoli tal-ħajja. Għaldaqstant, filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment għall-minuri fis-somma ta' €550.00 fix-xahar kif ukoll nofs l-ispejjeż marbuta ma' edukazzjoni, saħħa inkluż il-*premia* tal-assikurazzjoni tas-saħħa, lezzjonijiet tal-privat, u attivitajiet extra-kurrikulari, iżżid tordna illi l-manteniment ordnat mill-Ewwel Qorti għandu jiżdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, l-ewwel żieda bħal-lum sena**.

30. Għaldaqstant tilqa' parzjalment kif fuq spjegat dan l-ewwel aggravju tal-appellanti.

**<u>It-tieni aggravju – il-valur tal-kura pprestata mill-attriċi</u>**

31. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tagħha l-appellanti tirreferi għall-parti operativa tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti laqgħet ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet attriċi bil-kundizzjoni "li qabel l-istess minuri jitħallew ma' terzi, l-attriċi għandha l-ewwel tikkomunika mal-ġenituri tagħha sabiex igħinuha bit-tfal, fejn il-minuri kien imisshom aċċess mal-konvenut u l-istess aċċess ma setax jiġi eżerċitat". Tgħid li hija mgħobbija bit-trobbija tal-minuri li jillimitalha l-kapaċità li tiġġenera dħul filwaqt li l-konvenut huwa meħlus minn dan kollu u "huwa liberu illi jiġġenera qligħ kbir illi jaqla'". Tilmenta li l-kura tat-tfal għandha valur meta provdut mill-barranin iżda "m'għandu l-ebda valur ekonomiku xejn jekk provdut minn ġenituri għal benefiċċju tal-ġenitur l-ieħor". Tgħid li dan m'għandux ikun anke minħabba dak li jipprovdi Artikolu 54(2)(d) tal-Kodiċi Ċivili.

32. Titlob għalhekk l-appellanti illi "l-likwidazzjoni tal-manteniment mill-Ewwel Onorabbli Qorti, kellu jinkludi l-valur tal-kura tat-tfal" u li "kemm-il darba l-konvenut jikkanċella l-aċċess fl-aħħar ħin u ma jħallix żmien materjali sabiex l-appellanta tagħmel arranġamenti sabiex tqabbad

*nanny/babysitter* għal ħin tal-aċċess illi kellu jeżerċita l-konvenut appellat iżda ma eżerċitax ..... il-konvenut appellat għandu jkun ordnat iħallas somma addizzjonali lill-appellanta illi jirrappreżenta l-valur tal-kura tal-minuri illi kieku kellha tqabbad lill-terzi sabiex jikkuraw lill-minuri, kien ikollha tħallas lilhom".

Ikkunsidrat;

33. **Artikolu 54 (2) (d) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi:

> "(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied, inkluż dan li ġej:
>
> [...]
>
> (d) jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta' kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, il-parti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ;"

34. Dan l-artikolu japplika għall-minuri mwielda minn ġenituri miżżewġa lil xulxin daqskemm japplika għall-minuri mwielda minn ġenituri li mhumiex miżżewġa lil xulxin. Ma jirriżultax mis-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti warbet l-applikazzjoni tal-Artikolu 54 fil-likwidazzjoni tal-manteniment dovut mill-konvenut fl-interess taż-żewġ minuri. Jidher li l-Ewwel Qorti qieset illi għall-ħtiġijiet bażiċi tal-minuri, elf u mitt ewro (€1,100) fix-xahar huma suffiċjenti u li għalhekk ikkonkludiet li l-konvenut għandu jikkontribwixxi nofs dak l-ammont bħala manteniment pre-

likwidat. Dan apparti l-ispejjeż marbuta mal-edukazzjoni, saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari.

35. Dwar l-aggravju marbut mal-ispejjeż żejda li l-attriċi tidħol fihom meta l-konvenut ma jeżerċitax l-aċċess ordnat mill-Qorti, jiġi rilevat illi l-Ewwel Qorti laqgħet ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet attriċi li jaqraw kif ġej:

> "iv. Tiddikjara illi kemm il-darba l-konvenut ma jezercitax l-access tieghu ghall-minuri hawn fuq imsemmi jew access iehor stabbilit skont il-ligi, l-attrici jkollha l-jedd illi ghal dak il-jum u l-hin illi l-minuri messhom kienu fil-kura tal-missier, il-konvenut, izda ma kienux, tqabbad lill-terzi izommu lill-minuri b'dritt ta' rifuzjoni minghand il-konvenut tal-ispejjes hekk inkorsi lit-terzi ghall-kura tal-minuri kif inghad, liema ammonti jigu mbaghad likwidati f'gudizzju separat fil mori ta' din is-sentenza.
>
> v. Tiddikjara illi kemm il-darba l-konvenut ma ezercitax l-access tieghu ghall-minuri hawn fuq imsemmi jew access iehor stabbilit skont il-ligi, l-attrici kellha l-jedd illi ghal dawk il-jiem u l-hinijiet illi l-minuri messhom kienu fil-kura tal-missier, il-konvenut, izda ma kienux, qabdet lill-terzi izommu lill-minuri b'dritt ta' rifuzjoni minghand il-konvenut l-ispejjes hekk inkorsi lit-terzi ghall-kura tal-minuri kif inghad, liema ammonti jigu mbaghat likwidati f'gudizzju separat fil mori ta' din is-sentenza.
>
> vi. Tillikwida s-somma mhallsa mill-attrici lill-terzi sabiex jikkuraw lit-tfal tal-kontendenti jew min minnhom ghall-dawk il-granet u l-hinijiet skont id-digriet ossija ordnijiet – dak iz-zmien – fis-sehh il-konvenut kellu access ossija l-kura taghhom.
>
> vii. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici b'zieda ma' kull somma pagabbli minnu skont l-eventwali sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti dik is-somma li tigi likwidata kif mitlub fit-talba precedenti."

36. L-uniku kundizzjoni li l-Ewwel Qorti għamlet fl-akkoljiment ta' dawn l-erba' talbiet hi li "li qabel l-istess minuri jitħallew ma' terzi, l-attriċi għandha l-ewwel tikkomunika mal-ġenituri tagħha sabiex igħinuha bit-tfal,

fejn il-minuri kien imisshom aċċess mal-konvenut u l-istess aċċess ma setax jiġi eżerċitat". L-appellanti ma appellatx minn tali kundizzjoni imma qed tippretendi illi jekk f'tali ċirkostanzi ma ssibx terzi sabiex jieħdu ħsieb it-tfal u jkollha toqgħod magħhom hi fil-ħin li suppost kienu għall-aċċess ma missierhom allura "l-konvenut għandu jkun ordnat iħallas somma addizzjonali lill-appellanta illi jirrappreżenta l-valur tal-kura tal-minuri, illi kieku kellha tqabbad lil terzi sabiex jikkuraw lill-minuri, kien ikollha tħallas lilhom".

37. Din hija talba ġdida li ma tinkwadra fl-ebda waħda mill-erba' talbiet milquwha mill-Ewwel Qorti. Fir-rikors promotur l-attriċi talbet li tiġi kkumpensta tal-ispejjeż li tinkorri meta l-konvenut ma jeżerċitax l-aċċess tat-tfal u tkun kostretta tħalli lill-minuri ma' terzi u mhux sabiex titħallas hi talli tieħu ħsieb it-tfal meta l-konvenut ma jeżerċitax l-aċċess. Appena huwa neċessarju jingħad illi tali aggravju jfalli peress li jista' jitqies bħala *noviter deduxit* fl-istadju tat-tieni grad (ara **Gheiti and Sons Limited v. Perit Arkitett Colin Zammit et** - Appell Superjuri - 11 ta' April, 2024; u **Joan Spiteri v. Anthony Spiteri et** - Appell Superjuri - 21 ta' Novembru, 2024; **Chiara Psaila Gauci v. Dorian Psaila** - Appell Superjuri - 6 ta' Mejju, 2025).

38. Dwar il-preokkupazzjoni tal-attriċi illi l-konvenut ma jeżerċitax l-aċċess tal-minuri kif mifthiem bejniethom u ordnat mill-Ewwel Qorti, tajjeb

jingħad li l-Ewwel Qorti irrikonoxxiet illi kien hemm żmien fejn il-konvenut kien qed joħloq diffikultajiet lill-attriċi meta ma jeżerċitax l-aċċess għaliex ikun impenjat bix-xogħol li kellu dak iż-żmien. Imma qieset ukoll illi:

> "Il-kontendenti jikkonfermaw izda, li minn Ottubru, 2023 irnexxielhom isibu bilanc fl-applikazzjoni tal-access b'dana li qed jinzammu l-granet skond id-digriet, hlief li l-konvenut ma jistax jigbor it-tfal fl-4 pm izda immur ghalihom fil-5.30 pm u ghalhekk biddlu l-hin minflok bejn l-4 pm u 8 pm, issa bejn il-5 pm sad-9pm. Tikkonferma ukoll li jigu lura d-dar lesti mitmughin u lesti biex imorru jorqdu.
>
> Il-weekend imbaghad ikun hemm access b'mod alternat mill-Gimgha mis-6 pm sal-Hadd fis-6 pm.
>
> L-attrici stess tammetti li issa s-sitwazzjoni hija ferm ahjar ghaliex hemm stabbilita' f'hajjithom u jirnexxielhom jaghmlu l-pjanijiet taghhom."

39. L-appellanti ma tikkontestax dak appena ċitat. Ma jirriżultax li l-konvenut għad għandu diffikultà marbuta max-xogħol tiegħu sabiex jeżerċita l-aċċess. Fi kwalunkwe każ, l-unika kundizzjoni li l-Ewwel Qorti għamlet qabel ma l-attriċi ssejjaħ *nanny* a spejjeż tal-konvenut sabiex tieħu ħsieb it-tfal meta l-konvenut, għal kwalunkwe raġuni, ma jeżerċitax l-aċċess hi li qabel issejjaħ *nanny* l-konvenuta tipprova tara jistgħux iżommuwhom in-nanniet materni. Kundizzjoni, li bħall-Ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti tqis li hi fl-aħjar interess tal-minuri.

40. Tiċħad għalhekk dan it-tieni aggravju.

**<u>It-tielet aggravju – Arretrati ta' manteniment u spejjeż</u>**

41. Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> l-appellanti tilmenta illi l-Ewwel Qorti ma ordnatx lill-konvenut iħallasha arretrati ta' manteniment rappreżentanti d-differenza bejn is-somma ta' €400 fix-xahar li kien qed iħallas b'deċiżjoni uniltarali tiegħu, u s-somma ta' manteniment li l-Ewwel Qorti stabbilit. Tikkritika r-raġunament tal-Ewwel Qorti li ma kinitx ser tordna ħlas ta' arretrati "in kwantu l-konvenut kien ippropona awment u dejjem (il-konvenuta) irrifjutat". Tinsisti illi ma kellhiex tiġi penalizzata sempliċement għaliex ma aċċettatx proposta tal-konvenut li tiddeskrivi bħala "għal kollox skonnessa mir-realtà tal-manteniment meħtieġ għat-trobbija tal-minuri". Tgħid li ma kien hemm xejn xi jżomm lill-konvenut milli effettivament iħallasha dik iż-żieda li kien qed jipproponi. Tissottometti illi sabiex iħallas għal uliedu "la hemm bżonn ftehim formali u lanqas ordni tal-Qorti". Tgħid illi qatt ma ġara li l-qrati jiċħdu kreditu tal-attur għaliex qabel jew matul il-kawża saret offerta ta' ħlas mill-konvenut. F'tali ċirkostanzi, jekk l-ammont offert u rifjutat jiġi kkonfermat mill-qorti, skont l-appellanti dan għandu jwassal sabiex l-ispejjeż tal-kawża jiġu addossati fuq l-attur imma mhux li jinħafer id-dejn ammess mill-istess konvenut. Tinsisti għalhekk li l-konvenut għandu jiġi ordnat iħallas l-arretrati ta' manteniment għall-minuri minn Marzu 2018, meta telaq il-konvenut mid-dar, sa dakinhar li s-sentenza tkun *res judicata*, billi jiġi ordnat iħallas id-differenza bejn l-€400 fix-xahar li kien qed iħallas u s-

somma ta' €1,200 mitluba mill-attriċi jew somma verjuri li tiġi ordnata minn din il-Qorti.

42. Issemmi wkoll li hija kienet ippreżentat skeda fejn elenkat kreditu addizzjonali dovut lilha fl-ammont ta' €5,799.64, rappreżentanti nofs l-ispejjeż inkorsi minnha għall-ħtiġijiet tat-tfal minuri minn wara li kienet ippreżentat l-affidavit tagħha sas-sottomissjonijiet finali quddiem l-Ewwel Qorti, ċjoè minn Settembru 2021 sa Marzu 2024. Tirrileva li għalkemm l-Ewwel Qorti aċċettat dawn l-ispejjeż, bi żvista ħadet in-nofs ta' dak l-ammont, wara li naqqset is-somma ta' €439.89, biex b'hekk ordnat rifużjoni tas-somma ta' €2,679.87 biss.

Ikkunsidrat;

43. Hu rikonoxxut illi manteniment dwar il-ħtiġijiet ta' minuri ma hux strettament jedd tal-ġenitur li jkollu l-kura ta' dak il-minuri imma jedd dirett tal-minuri (ara **CAG v. AKS** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 2022; **MG v. MG** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019). Meta jirriżulta li ġenitur refa' aktar mill-ġenitur l-ieħor f'dak li hu spejjeż marbuta mal-ħtiġijiet tal-minuri, jinħoloq kreditu favur dak li refa' aktar kontra min refa' anqas jew ma refa' xejn.

44. Ma hemmx kwistjoni illi l-obbligu li ġenitur imantni lil uliedu jitwieled fl-istess nifs li jitwieled il-wild ta' dak il-ġenitur. (ara **N B v. A G** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2025). Dan hu aċċettat mill-istess konvenut. Għalkemm huwa minnu li, kontra l-impressjoni li donnu kellha l-Ewwel Qorti, mill-proċeduri ta' medjazzjoni 'il quddiem ħadd mill-partijiet ma talab lill-qorti tiffissa manteniment *pendente lite* għall-minuri, dan in-nuqqas ma jeżonerax lill-konvenut milli jħallas sehemu mill-manteniment li l-minuri kellhom bżonn mill-mument li telaq mid-dar.

45. L-Ewwel Qorti stabbiliet illi manteniment adegwat għaż-żewġ minuri la kien €1,200 fix-xahar kemm kienet qed tippretendi l-attriċi u lanqas €400 fix-xahar, kemm kien qed iħallas il-konvenut. Sewwa tirraġuna l-appellanti illi xejn ma żamm lill-konvenut li jħallasha wkoll iż-żieda li kien qed jipproponi, għalkemm ma kienx hemm qbil dwarha. Kif l-attriċi kienet qed taċċetta s-somma ta' €400 fix-xahar meta kellha pretensjonji ta' €1,200 fix-xahar, ċertament li ma kinitx ser tirrifjuta l-ħlas ta' żieda deċiża wkoll unilateralment mill-konvenut. Is-sentenza appellata dwar il-*quantum* tal-manteniment, kif issa anke kkonfermat minn dina l-Qorti, hija ċertifikat mhux biss li l-pretensjoni tal-attriċi kienet eċċessiva imma wkoll li l-ħlasijiet li kien qed jeffettwa l-konvenut ma kienux jirriflettu sewwa l-ħtiġijiet tal-minuri.

46. Fil-fehma ta' din il-Qorti ir-reklam tal-appellanti għad-differenza bejn il-manteniment stabbilit fis-sentenza appellata u l-ammont mhux maqbul li l-konvenut kien qed iħallas lill-attriċi huwa kreditu favur l-istess attriċi kontra l-konvenut.

47. **Tqis għalhekk l-ewwel ras ta' dan l-aggravju fondat u qed tiddeċiedi li l-manteniment ta' €550.00 fix-xahar ordnat mill-Ewwel Qorti għandu jkun b'effett mill-31 ta' Marzu, 2018 u mhux kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti. Għaldaqstant qed tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-arretrati ta' manteniment ekwivalenti għad-differenza bejn €550 u €400 fix-xahar b'effett mill-31 ta' Marzu, 2018[2] li jammontaw għal tnax-il elf u disa' mitt ewro (€12,900).**

48. Dwar l-iżball matematiku li nkorriet l-Ewwel Qorti meta kkundannat lill-konvenut iħallas sehmu mill-ispejjeż li ġew ippruvati li għamlet l-attriċi sussegwenti għall-affidavit tagħha, anke dan l-aggravju jirriżulta fondat.

49. Mill-prospett ippreżentat mill-attriċi fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2024[3] jirriżulta illi meta ġibdet it-total ta' €5,799.46 dan kien jirrifletti nofs l-ispejjeż u mhux l-ispejjeż kollha. L-Ewwel Qorti aċċettat l-ammont ta' €5,359.75 bħala veritier. Għalhekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi l-ammont ta' €5,359.75 u mhux in-nofs.

[2] €150 x 86 xahar = €12,900
[3] Fol. 427 – 435 (ara wkoll verbal tat-23 ta' Mejju, 2024)

50. **Għalhekk tilqa' wkoll it-tieni ras ta' dan it-tielet aggravju, tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi minflok l-ammont ta' €2,679.87 indikat f'paragrafu d) tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, din il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' ħamest elef, tliet mija u disgħa u ħamsin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€5,359.75).**

**Ir-raba' aggravju – aċċess**

51. Permezz tar-raba' aggravju l-appellanti qed titlob illi filwaqt li l-aċċess ordnat mill-Ewwel Qorti għandu jiġi kkonfermat, għandha tiżdied ordni illi fil-vaganzi skolastiċi tal-minuri (inkluż Milied, Għid u Sajf), l-aċċess tal-missier jiġi estiż billi fil-ġranet tal-aċċess tiegħu fost il-ġimgħa ċjoè nhar ta' Tlieta u l-Ħamis, minflok ma jirritorna lill-minuri fid-9:00pm iżommhom *sleepover* sal-għada għal perijodu ta' 24 siegħa.

Ikkunsidrat illi:

52. L-aċċess għall-ulied, huwa dritt ta' kull wild sabiex ikollu relazzjoni mal-ġenitur li ma jkunx qiegħed jgħix miegħu. Meta jitqies kif għandu jsir l-aċċess għall-ulied għandu jintlaħaq bilanċ bejn id-dritt tal-ġenitur għall-aċċess għal uliedu skont iċ-ċirkostanzi tiegħu imma dejjem fl-aħjar

interess tal-minuri. F'dan is-sens huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-ġiri minn ġenitur għal għand l-ieħor iġib miegħu ċertu nuqqas ta' stabbiltà fil-ħajja tal-minuri li jista' jaffettwa negattivament l-iżvilupp soċjali u psikoloġiku tagħhom u jżidilhom il-konfużjoni f'ħajjithom (ara **L C v. O B** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April, 2012 u **J M pro et noe v. L M nèe G** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018)."[4]

53. Din il-Qorti tagħmilha ċara li, fejn jidħlu minuri, m'hemmx dritt għall-aċċess, iżda obbligu tal-ġenituri li t-tnejn jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-minuri, li, għal dan il-għan, jeħtiġilhom ikollhom kuntatt ma' ommhom u anke ma' missierhom. Min jiġi fdat bil-kura tal-minuri u kif jiġi provdut l-aċċess, jiddependi mill-ħtiġijiet tat-tfal u mhux mill-interess tal-ġenituri. Huma l-ġenituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. Kif ġia ritenut, l-importanti hu l-istabbilità emozzjonali tat-tfal, u li dawn ikollhom kuntatt mal-ġenituri tagħhom bl-anqas disturb possibbli. (ara **M C pro et noe v. F C** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2008).

54. Dak li minnu qed tilmenta l-appellanti ma hux aggravju mis-sentenza appellata għaliex ma jirriżultax mill-atti li l-appellanti ressqet xi talba f'dan is-sens quddiem l-Ewwel Qorti, wisq anqas li ġiet miċħuda. Fit-tliet snin *circa* li l-kawża damet pendenti quddiem il-qorti tal-ewwel

[4] Ara wkoll **Rosianne Zammit v. Shaun Ray Belli** deċiża fit-3 ta' Ġunju, 2024, **Stefania Aquilina v. Osama Ftesi** deċiża fis-7 ta' Ottubru, 2024 u **Marlene Aquilina v. Luca Burroni** deċiża fid-29 ta' Ottubru, 2024, fost diversi sentenzi oħra,

grad, l-appellanti ma ressqet l-ebda talba sabiex *pendente lite* jiġi modifikat l-aċċess tal-missier bil-mod kif issa trid lil din il-Qorti tvarjah. Li issa f'dan l-istadju titlob modifika fl-aċċess tal-missier meta l-istess attriċi ma ħassitx il-ħtieġa li tressaq tali talba quddiem l-Ewwel Qorti ma jistax jiġi kkunsidrat favorevolment minn din il-Qorti.

55. Tqis għalhekk dan l-aggravju infondat u qed tiċħdu.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, tilqa' parzjalment dan l-appell,

1. Tvarja s-sentenza appellata billi minflok l-ammont ta' elfejn, sitt mija u disgħa u sebgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€2,679.87) indikat f'paragrafu d) tal-parti dispożitiva tas-sentenza appellata, din il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' ħamest elef, tliet mija u disgħa u ħamsin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€5,359.75).

2. Tvarja s-sentenza appellata billi tħasarha fejn ċaħdet it-tmien talba u minflok tilqagħha. Għaldaqstant b'żieda ma' dawk l-ammonti li l-Ewwel Qorti ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi, din il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenut appellat iħallas lill-attriċi appellanti l-arretrati ta' manteniment

ekwivalanti għad-differenza bejn ħames mija u ħamsin ewro (€550) u erba' mitt ewro (€400) fix-xahar b'effett mill-31 ta' Marzu, 2018[5] ammontanti għal tnax-il elf u disa' mitt ewro (€12,900).

3. Tordna li l-manteniment ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550) fix-xahar jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, l-ewwel żieda fi żmien sena mil-lum.

4. Mill-bqija l-appell huwa miċħud.

5. Fiċ-ċirkostanzi partikolarli ta' dan l-appell fejn uħud mill-aggravji ġew milqugħa u oħrajn ġew miċħuda, l-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

[5] €150 x 86 xahar = €12,900